



EESC info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

October 2021 | MT

This page is also available in:

- [ES](#)
- [BG](#)
- [CS](#)
- [DA](#)
- [EN](#)
- [DE](#)
- [ET](#)
- [FR](#)
- [EL](#)
- [GA](#)
- [HR](#)
- [IT](#)
- [LV](#)
- [LT](#)
- [HU](#)
- [NL](#)
- [PL](#)
- [PT](#)
- [FI](#)
- [RO](#)
- [SK](#)
- [SL](#)
- [SV](#)

Available Languages:

EDITORJAL



Sena wara l-mandat il-ġdid tal-KESE: l-ewwel opportunità biex jittieġed rendikont

Sena wara l-mandat il-ġdid tal-KESE: l-ewwel opportunità biex jittieġed rendikont

Ilkoll niftakru l-ġurnata li nedejna l-mandat il-ġdid: it-28 ta' Ottubru 2020, fl-eqqel tal-pandemija, u l-plenarja kellha ssir online. Kollox kien surreali; il-futur deher inċert; ħadd ma kien jaf meta u kif se jinstab vaċċin, iżda rnexxilna nipproċedu b'ħidmitna.

Il-pandemija kkawżat kriżi tas-saħħa globali, li matulha miljuni ta' nies tilfu ħajjithom, u kriżi ekonomika globali li qed nistinkaw biex negħlbu. F'dan l-istadju drammatiku, l-Unjoni Ewropea kellha s-saħħa u d-determinazzjoni li tagħxi malajr ħafna biex tiegħu miżuri mingħajr preċedent. Fil-qasam tas-saħħa, l-akkwist ta' provvisti mediċi u tagħmir protettiv u l-miżuri meħuda fir-rigward tal-vaċċin appoġġaw is-servizzi tas-saħħa nazzjonali tagħna. Mil-lat ekonomiku u finanzjarju, l-UE nediet miżuri ta' emerġenza u finanzjament mingħajr preċedent, fosthom l-istrument SURE, biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad, u n-NextGenerationEU, il-pjan ta' rkupru Ewropew.

Barra minn hekk, dis-sena kienet ikkaratterizzata minn żieda f'avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima: nirien fi Franza, fl-Italja u fil-Greċja, għargħar fil-Belġju, fin-Netherlands u fil-Ġermanja, u t-tidwib tal-glaċieri fi Greenland. L-ambjent qisu l-ġisem tal-bniedem: qed jagħti sinjali ċari dwar l-istat ta' saħħa tiegħu. Is-soċjetà issa qed tagħti każ ta' dawn il-kwistjonijiet u hija aktar konxja minn qabel, u ż-żgħażaġħ huma atturi ewlenin f'dawn il-battalji, bil-moviment "Il-Ġimgħa għall-Ġejjieni" li jappella lill-politiċi biex jieħdu azzjoni tanġibbli u f'waqtha biex jiżguraw futur għad-Dinja. Il-Kummissjoni Ewropea tat spinta ġdida lill-politika ambjentali tagħha bil-Patt Ekoloġiku: ninsabu fit-triq it-tajba.

Dawn l-aħħar ftit xhur kienu kkarraterizzati mit-tnedija tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa: din hija opportunità straordinarja għaċ-ċittadini biex isemmgu leħinhom dwar l-għamla tal-Unjoni Ewropea.

Il-KESE huwa impenjat bis-sħiħ fir-rigward ta' kull waħda minn dawn il-kwistjonijiet. Tfasslu Opinjonijiet u dikjarazzjonijiet dwar l-Unjoni tas-Saħħa, in-NextGenerationEU, il-Patt Ekoloġiku u dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u dawn intbagħtu lill-istituzzjonijiet. Iċ-ċittadini, il-ħaddiema, l-intraprendituri u s-soċjetà ċivili organizzata lkoll għandhom leħen, u dan għandu jingħata widien.

F'Settembru, il-President von der Leyen stiednet lir-rebbieħa Paralimpika Taljana, Bebe Vio, għad-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni: żagħżugħa li ġġieldet u għelbet kull xorta ta' avversità sa minn tfulitha. Kliemha għandu jixprunana lkoll, speċjalment lill-ġenerazzjonijiet iżgħar, fil-bini ta' Unjoni Ewropea ta' solidarjetà u diversità: "Jekk xi ħaġa tidher impossibbli, allura tista' ssejtni".

Giulia Barbucci, Viċi President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

27-28 ta' Ottubru 2021, Brussell

[Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni - Is-6 laqgħa](#)

31 ta' Novembru - 12 ta' Novembru 2021, Glasgow

[COP26 - Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima](#)

18-19 ta' Novembru 2021, Lisbona

Seminar dwar "Nikkollegaw l-UE"

8-9 ta' Diċembru 2021, Brussell

[Sessjoni plenarja tal-KESE](#)

Ċerimonja tal-għoti tal-premju għas-soċjetà ċivili 2021 tal-KESE

DRITT G?ALL-PUNT!



[Dritt g?all-punt!](#)

Merħba fil-kolonna l-ġdida tagħna "Dritt għall-punt", li fiha nistaqsu lill-membri tal-KESE dwar suġġetti, opinjonijiet jew avvenimenti importanti tal-UE li għandhom impatt fuq il-ħajja ta' kuljum fl-UE. Din id-darba se nagħtu l-kelma lil Andrej Zorko, relatur tal-Opinjoni esploratorja "**[Komponenti ewlenin ta' xogħol ta' kwalità sostenibbli matul u wara l-irkupru](#)**", mitluba mill-Presidenza Slovena tal-UE u adottata fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta' Settembru.

Andrej Zorko jmur dritt għall-punt u jispjega għala l-prinċipju tal-kwalità tax-xogħol għall-kwalità tal-ħajja għandu jiġi rispettat fl-istadji kollha ta' matul u wara l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19. Għaliex il-KESE jagħti importanza daqshekk kbira lil din l-idea u għaliex jaħseb li għandha tingħata attenzjoni speċjali fil-politiki tal-UE?



Il-prinċipju tal-kwalità tax-xogħol għall-kwalità tal-ħajja għandu jiġi rispettat

Minn Andrej Zorko (Grupp tal-Ħaddiema), relatur tal-Opinjoni esploratorja dwar “Komponenti ewlenin ta' xogħol ta' kwalità sostenibbli matul u wara l-irkupru”

Il-kwalità tax-xogħol hija waħda mill-komponenti fundamentali tal-kwalità tal-ħajja. Il-prinċipju tal-kwalità tax-xogħol għall-kwalità tal-ħajja għandu jiġi segwit fl-istadji kollha, peress li dan huwa prerekwiżit għal żvilupp soċjali sostenibbli.

Għalhekk, il-KESE jemmen bis-sħiħ li dan għandu jingħata attenzjoni speċjali fil-politiki tal-UE, peress li jrid jipprevjeni r-riskji tal-inugwaljanza, il-faqar, l-esklużjoni soċjali, id-dumping soċjali u l-kompetizzjoni inġusta. Fil-fehma tal-KESE, l-irkupru ekonomiku u soċjali jridu jimxu id f'id.

Il-problemi u l-isfidi li jeżistu għandhom jiġu indirizzati fid-dawl tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030. L-istandards internazzjonali tal-ILO dwar ix-xogħol deċenti għandhom jiġu kkunsidrati wkoll, flimkien mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-KESE jagħraf id-diversità u n-natura multidimensjonali tal-kunċett ta' xogħol ta' kwalità sostenibbli, u jirrimarka wkoll li dan huwa magħmul minn diversi komponenti li jaffettwaw direttament jew indirettament il-kwalità tal-ħajja tan-nies, id-drittijiet tal-ħaddiema u s-sigurtà soċjali tal-ħaddiema.

L-iżgurar ta' kundizzjonijiet ġusti u kompetittivi għall-ekonomija Ewropea, l-investiment fl-innovazzjoni u l-iżvilupp, il-prevenzjoni tad-dumping soċjali, l-inkoraġġiment tal-ħolqien tal-impjegi u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u inċentivi adatti għandhom ikunu komponenti ewlenin tal-istrateġiji tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri u jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti biex il-kwalità tax-xogħol tittejjeb.

F'dan ir-rigward, huwa kruċjali li jkun hemm dialogu soċjali effettiv (kemm bipartitiku u tripartitiku) fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Nirrakkomandaw li wieħed jikkapitalizza fuq il-kontenut tradizzjonali tad-dialogu soċjali biex jinkludi kontenut ieħor aktar strateġiku orjentat lejn is-sostenibbiltà u s-soluzzjonijiet. Dan jinkludi, pereżempju, l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet futuri tal-kumpaniji u tal-ħaddiema b'ċerti kompetenzi u ħiliet, attivitajiet konġunti għat-taħriġ tal-ħaddiema, l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn l-ekonomiji diġitali u ekoloġiċi, u r-regolamentazzjoni u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ibbilanċjati għax-xogħol tal-pjattaformi, kif ukoll kwistjonijiet simili importanti fil-qasam tal-iżvilupp.

Il-KESE jinnota li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma tindirizzax direttament il-komponenti tax-xogħol ta' kwalità, u għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tissupplimenta din il-parti tal-Faċilità. Il-gruppi vulnerabbli, bħall-ħaddiema prekarji u dawk żgħażaġh, li ntlaqtu l-aġħar mill-epidemija, ma għandhomx jiġu injorati.

Biex nikkonkludu nistgħu ngħidu li hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-imsieħba soċjali Ewropej u nazzjonali li jagħtu aktar attenzjoni lill-kwistjonijiet ta' xogħol deċenti u ta' kwalità u

jippjanaw u jimplimentaw miżuri li jiżguraw xogħol ta' kwalità sostenibbli, flimkien mal-partijiet interessati rilevanti kollha l-oħra.

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



Mistoqsija lil...

Fis-sezzjoni tagħna “Mistoqsija lil...” nitolbu lill-membri tal-KESE jwieġbu mistoqsija dwar kwistjoni attwali li nqisuha partikolarment rilevanti Għall-edizzjoni ta' Ottubru, staqsejna lil **Ionuț Sibian**, Viċi President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni u President tal-Kumitat ta' Segwitu UE-Balkani tal-Punent, biex jikkummenta dwar l-adeżjoni futura tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Ir-rwol tas-soġjetà ċivili huwa li jnaqqas id-distakk bejn il-politika u n-nies

KESE Info: “Kif tista’ s-soċjetà ċivili tikkontribwixxi għall-proċess ta’ negozjati u l-adeżjoni futura tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent?”

Ionuț Sibian: “Il-KESE jemmen bis-sħiħ li s-soċjetà ċivili trid taqdi rwol attiv fil-proċess ta’ tkabbir, biex tnaqqas id-distakk bejn il-politika u n-nies, u tgħin biex tissorvelja jekk prinċipji fundamentali bħal-libertà tal-kelma, l-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-midja, it-trattament ugwali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-prevenzjoni ta’ kunflitti ta’ interess humiex fil-fatt implimentati fil-prattika.

Il-Kumitat tagħna dejjem appoġġa involviment sistematiku tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tal-ippjanar, l-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ relatati mar-riformi fil-proċess ta’ adeżjoni. Dan għandu jkun prinċipju li mhux biss japplika għall-gvernijiet tal-Balkani tal-Punent u huwa mistenni minnhom, iżda jeħtieġ ukoll li jiġi prattikat mill-istituzzjonijiet tal-UE stess.

Fl-Opinjoni tal-KESE dwar “It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni – Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent”, li ġiet adottata f'Marzu 2021, aħna nirrakkomandaw lill-Kummissjoni Ewropea li s-soċjetà ċivili tkun rikonoxxuta aħjar fil-kuntest tal-metodoloġija l-ġdida u tingħata rwol ikbar fil-proċess ta’ tkabbir. Dan jgħin biex jiġu indirizzati mhux biss l-isfidi politiċi iżda wkoll dawk ekonomiċi u soċjali. Għal din ir-raġuni, il-bini tal-kapaċitajiet tal-imsieħba soċjali u ta’ organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali, l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni reġjonali u l-iskambju tal-għarfien espert għandhom jinżammu fost il-prijoritajiet għall-finanzjament tal-UE.

Barra minn hekk, sabiex jinżamm kontroll fuq it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-eliti politiċi fil-Balkani tal-Punent, inħeġġu lill-UE tikkummissjona rapporti paralleli regolari dwar l-istat tad-demokrazija mill-

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-reġjun. Tlabna wkoll lill-Kummissjoni biex ir-rapporti għal kull pajjiż fil-“Pakkett tat-Tkabir” annwali tagħha jsegwu struttura ċara għall-monitoraġġ ta’ kif il-gvernijiet tal-Balkani tal-Punent jittrattaw is-soċjetà ċivili, f’konformità mal-Linji Gwida u d-Direzzjonijiet Strateġiċi tad-DĠ NEAR għall-Appoġġ tal-UE għas-Soċjetà Ċivili fir-Reġjun tat-Tkabir għall-perjodu 2021-2027. Dan jipprovdi bażi għal reazzjoni b’azzjoni politika fejn ikun hemm rigress, filwaqt li l-progress ifisser benefiċċji tanġibbli għall-pajjiżi fil-proċess ta’ tkabir.

X’inhu r-rwol hawnhekk tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent mibdi mill-KESE?

Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent jifforma parti mill-ħidma tal-KESE fil-Balkani tal-Punent. Dan jikkomplementa l-ħidma bilaterali eżistenti tiegħu ma’ pajjiżi li qed jinneogjaw l-adeżjoni tagħhom mal-UE permezz ta’ Kumitati Konsultattivi Konġunti tas-Soċjetà Ċivili, stabbiliti fuq il-bażi legali provduta fil-qafas tal-Ftehimiet ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, li ilu jsir kull sentejn mill-2006 ‘il hawn, jipprovdi opportunità għall-iskambju ta’ fehmiet dwar is-sitwazzjoni attwali tas-soċjetà ċivili fir-reġjun, il-ħtiġijiet tagħha u l-iżvilupp futur tagħha. Huwa jlaqqa’ organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, membri tal-KESE, rappreżentanti tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali u istituzzjonijiet simili u rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-parteċipanti jadottaw rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-istituzzjonijiet Ewropej. Il-Forum ta’ dis-sena, li sar fi Skopje (30 ta’ Settembru – 1 ta’ Ottubru), sar eżatt qabel is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, li ġie organizzat nhar is-6 ta’ Ottubru f’Brdo, is-Slovenja, u d-Dikjarazzjoni finali tal-Forum tqassmet lill-partijiet interessati kollha qabel is-Summit. Ir-rakkomandazzjonijiet jipprovdu wkoll linji gwida għall-ħidma futura tal-KESE mar-reġjun.

Ionut Sibian, Il-President għall-Kumitat ta' Segwitu UE-Balkani tal-Punent

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



Il-mistednin sorpri?a

Kull xahar, se nkunu qed nintroduċu personalità li ħidmitha u l-impenn tagħha huma ta’ ispirazzjoni għal oħrajn. Għandna l-pjaċir nippreżentaw individwi prominenti mid-dinja tal-kultura, il-politika u x-xjenza li l-attività u l-kreattività tagħhom huma stedina lil oħrajn biex ikunu attivi u biex jieħdu azzjoni. Dawn huma persuni li jikkontribwixxu biex ibiddlu r-realtà

li ngħixu fiha.

Għall-edizzjoni tal-KESEInfo ta’ Ottubru, stedinna lill-Professor Caroline Pauwels, li hija r-rettur ta’ Vrije Universiteit Brussel. Hija tiddiskuti l-impatt tal-pandemija fuq iż-żgħażaġħ u l-ambjent universitarju u tippreżenta tliet tagħlimiet post-pandemiċi li jistgħu jaffettwaw il-futur tal-istudenti.

Il-Professor Caroline Pauwels bdiet it-tieni mandat tagħha bħala rettur tal-Vrije Universiteit Brussel f'Settembru 2020. Studjat il-filosofija u x-xjenzi tal-komunikazzjoni u ilha membru tad-dipartiment tax-xjenzi tal-komunikazzjoni mill-1989, u f'dawn l-aħħar snin hija l-kap tiegħu. Hija kisbet dottorat fl-1995 b'dissertazzjoni dwar il-politika awdjoviżiva tal-Unjoni Ewropea. Mill-2000 sal-2016, il-Professor Pauwels mexxiet iċ-ċentru ta' riċerka SMIT, li jispeċjalizza fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li ssieħeb ma' iMinds (issa IMEC) fl-2004. Fi ħdan iMinds, kienet il-kap tad-Dipartiment tas-Soċjetà Diġitali, li jlaqqa' flimkien gruppi ta' riċerka mill-universitajiet ta' Ghent, Leuven u Brussell. L-università ta' Ghent tatha t-titlu ta' President Francqui mill-2012 sal-2014. Hija kienet membru fuq diversi bordijiet tad-diretturi, kummissarju tal-gvern għax-xandar VRT u hija membru tal-Akkademja Fjamminga Rjali tal-Belġju għax-Xjenza u l-Arti. (ehp)



Caroline Pauwels: L-università fi?-?mien tal-pandemija u sena wara

Fil-bidu ta' Settembru 2021, flimkien mar-retturi tal-ħames universitajiet l-oħra li huma fundaturi tan-network Ewropew tagħna Eutopia, ilqajt fi Brussell lir-retturi ta' tliet universitajiet ġodda li qed jingħaqdu man-network tagħna. Dawn kienu laqgħat tassew speċjali għal diversi raġunijiet.

L-ewwel nett, wara dawn ix-xhur kollha, fl-aħħar stajna niltaqgħu fiżikament. Meta f'Marzu 2020 kellna nieħdu deċiżjoni rivoluzzjonarja li nkomplu bil-ħidma tal-università online, ilkoll ittamajna li din se tkun xi ħaġa għal perjodu qasir ħafna. Barra minn hekk, f'dak iż-żmien, ħadd minna ma seta' jbossar eżatt kif stajna nkomplu nżommu lill-università tibqa' tiffunzjona online. Madankollu, irnexxielna. F'ħin qasir, l-għalliema ġew mħarrġa fl-użu ta' modi ġodda ta' kif jiġi organizzat it-tagħlim online, tfasslu protokoll biex il-ħidma essenzjali tkompli ssir fil-laboratorji, u nħolqu żewġ korpi governattivi ġodda temporanji biex jiggwidaw lill-università matul dawn iż-żminijiet straordinarji. Irnexxielna, grazzi għad-dedikazzjoni u l-perseveranza ta' bosta nies.

Jistgħu jinsiltu bosta tagħlimiet minn dan il-perjodu, madankollu nixtieq niffoka fuq tlieta.

L-ewwel, teżisti l-inugwaljanza. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet dan b'mod ċar. Il-probabbiltà li persuna timrad jew tmūt, mhumex imqassma b'mod uniformi f'din is-soċjetà. Dawk li huma foqra, dawk li għandhom inqas edukazzjoni, dawk li huma ta' karnaġġjon skur jew bi sfond ta' migrazzjoni ntlaqtu aktar minn din il-kriżi. Rajna wkoll dan fost l-istudenti tagħna. Kif tista' tieħu sehem fl-edukazzjoni online meta ma għandekx spazju fejn tpoġġi l-kompjuter jew fejn tistudja, jew inkella jkollok taqsam dan l-ispazju ma' ħutek? Kif tista' tkompli l-korsijiet jekk ma tafx kif se tkompli tħallas il-kontijiet, jew meta l-impjegi kollha għall-istudenti ma baqgħux disponibbli? L-inugwaljanza teżisti. L-inugwaljanza qed issir aktar akuta.

It-tieni, din il-ġenerazzjoni tal-istudenti hija b'saħħitha u reżiljenti. Matul l-aħħar sena u nofs, l-istudenti impenjaw ruħhom bil-kbir, xi drabi f'kuntast diffiċli ħafna. B'mod partikolari qiegħda naħseb fir-rappreżentanti tal-istudenti. Għal dan l-aħħar sena u nofs, huma effettivament immaniġġjaw b'mod konġunt l-università. Ninsab grata lejhom tal-perspettivi ġodda illi huma ppreżentaw, għall-għadd kbir ta' suġġerimenti ta' ispirazzjoni, għall-kritika tagħhom, li xi kultant tkun ħarxa, iżda ġusta u dejjem kostruttiva.

It-tielet, għalkemm ninsabu lkoll kuntenti li għal darb'oħra nistgħu nirritornaw fuq il-kampus, għandna nagħtu opportunità ġusta, u fuq kollox, l-akbar possibilità għal edukazzjoni bbażata fuq it-tagħlim imħallat – lezzjonijiet fil-klassijiet, online, u oħrajn mhux fuq il-kampus. Għal żmien twil wisq, il-proġett pedagoġiku tagħna kien ibbażat primarjament fuq it-tagħlim *ex cathedra*. Għandna nipprovdu aktar ħin u spazju għal tagħlim informali u interattiv. It-tagħlim imħallat jista' jkun ta' għajjnuna biex din it-tranżizzjoni tkun possibbli.

Anke qabel il-Covid, l-università tiegħi kienet bdiet dan il-moviment lejn forom aktar imħallta ta' tagħlim. Permezz tal-proġett weKONEKT.brussels, aħna ġibna lill-istudenti f'kuntatt mal-belt, mal-qasam professjonali, u mal-prattikanti. Organizzajna lezzjonijiet f'dak li jista' jkun il-post tax-xogħol futur tagħhom, billi involvejna lill-prattikanti fl-edukazzjoni, mhux biss l-edukazzjoni saret aktar għanja, iżda l-istudenti ngħataw stampa aktar realistika tas-suq tax-xogħol.

Issa qed naqsmu dak il-mudell mal-imsieħba tagħna ta' Eutopia. Fil-fehma tagħna, din hija t-triq 'il quddiem biex niżguraw li l-istudenti tagħna jkunu mgħammra tajjeb għall-futur meta jiggradwaw u jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-isfidi li se jkollhom jiffaċċjaw aktar tard fil-ħajja.

Caroline Pauwels



[Herman van Rompuy: The old poet speaks gently](#)

We are pleased to continue the publication of the series of haikus, under the common title "The old poet speaks gently", offered to us by their author, Herman van Rompuy, former president of the European Council.

Original version of haikus is in French.

Summer slowly slips away
To the colours of autumn
The eternal charm

Butterflies fly
Without even knowing
In which countries they are

The light is still bright
The leaf hanging on the branch
Time slips away slowly



Herman van Rompuy : Le vieux poète parle doucement

Nous sommes heureux de poursuivre la publication de la série de haïkus, sous le titre commun "Le vieux poète parle doucement", que nous a offerts leur auteur, Herman van Rompuy, ancien président du Conseil européen.

L'été glisse lentement
Aux couleurs de l'automne
Le charme éternel

Les papillons volent
Sans même savoir
Dans quels pays ils sont

La lumière est encore vive
Le feuille suspendue à la branche
Le temps glisse lentement

A?BARIJET TAL-KESE



Il-koeżjoni trid tkun fil-qalba tal-Ewropa ta' wara l-pandemija, sostnew il-Kummissarju Elisa Ferreira u l-President tal-KESE Christa Schweng

Il-politika ta' koeżjoni hija essenzjali għall-iżvilupp ta' viżjoni ġdida ta' wara l-COVID-19 għall-Unjoni Ewropea, li tkun iffukata fuq il-prosperità, l-inklużjoni u s-sostenibbiltà ambjentali, viżjoni

li fiha s-soċjetà ċivili organizzata tkun inkluża bis-sħiħ. Dan kien il-messaġġ ta' Christa Schweng, il-President tal-KESE, mtenni minn Elisa Ferreira, il-Kummissarju Ewropew għall-Koeżjoni u r-Riformi, fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta' Settembru.

Sa mill-bidu tal-kriżi tal-COVID-19, il-politika ta' koeżjoni kienet strumentali biex jinstabu soluzzjonijiet matul il-fażi tal-emerġenza, u matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 hija għandha tkompli tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-inugwaljanzi li jeżistu fi ħdan l-Istati Membri, ir-reġjuni, il-bliet, u l-persuni, u bejniethom, peress li s-sitwazzjoni marret għall-agħar matul il-pandemija.

"Il-politika ta' koeżjoni għandha rwol ewlieni biex jiġi żgurat l-irkupru bilanċjat fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Il-prinċipju tas-sħubija mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa parti mid-DNA tal-politika, u nixtiequ naraw li dan il-prinċipju jiġi estiż għal NextGenerationEU u l-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-politika ta' koeżjoni għandha wkoll issir inqas burokratika, tkun aktar diġitalizzata u aktar effettiva", qalet is-**Sinjura Schweng**.

Is-Sinjura Ferreira rrimarkat li l-kriżi tal-COVID-19 aggravat l-inugwaljanzi eżistenti u ħolqot oħrajn ġodda, li jaffettwaw b'mod partikolari lill-ħaddiema tal-ewwel linja, lill-persuni vulnerabbli bħall-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà, lil dawk li għandhom inqas aċċess għas-servizzi, u lil dawk li sofrew l-aktar mill-impatti tal-lockdowns, bħan-nisa u ż-żgħażaġħ: "L-Unjoni tagħna hija b'saħħitha daqs l-aktar ħolqa dgħajfa tagħha. Li niġġieldu u nnaqqsu l-inugwaljanzi huwa *sine qua non* għal Unjoni b'saħħitha u li tirnexxi. Il-ġustizzja soċjali u l-inklużività jeħtieġ li jkunu fiċ-ċentru tal-irkupru tagħna. Ma nistgħux insolvu kwistjonijiet soċjali mingħajr ma nsolvu l-inugwaljanzi spazjali u reġjonali. Jeħtiġilna nqisu l-postijiet fejn jgħixu n-nies". (mp)



Il-libertà tal-media trid tibqa' fil-qu??ata tal-a?endi tag?na

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) qed jingħaqad mal-isforzi tal-UE biex ireġġgħu lura x-xejra inkwetanti ta' tnaqqis fil-libertajiet tal-media u t-tnaqqis dejjem jżdied fuq l-indipendenza ġurnalistika kkawżata minn pressjoni dejjem tikber minn diversi strutturi ta' poter u

ta' negozju, pagi baxxi, konċentrazzjoni tas-sjieda tal-media u proliferazzjoni ta' aħbarijiet foloz fuq il-media soċjali u kanali oħrajn.

F'dibattitu mal-kap tal-Uffiċċju ta' Brussell ta' Reporters mingħajr Fruntieri, **Julie Majerczak**, u s-Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti, **Ricardo Gutiérrez**, li sar matul is-sessjoni plenarja tiegħu ta' Settembru, il-KESE esprima tħassib dwar il-mod kif il-ġurnalisti qed jisfaw dejjem aktar fil-mira ta' attacchi verbali u fiżiċi, b'16 li ġew maqtula mill-2015 'il hawn.

"Fl-Ewropa qed naraw xejriet li ma nistgħux naċċettaw. Il-libertà u d-diversità tal-media huma l-prekundizzjonijiet għal demokrazija li tiffunzjona tajjeb u għalhekk jikkonċernawna lkoll. Il-ġurnaliżmu professjonali qatt ma jista' jiġi sostitwit minn algoritmi, servizzi għall-ġbir tal-aħbarijiet u networks soċjali," qalet il-President tal-KESE **Christa Schweng**.

Il-KESE approva l-aħħar inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea, inkluża r-Rakkomandazzjoni dwar is-Sikurezza tal-Ġurnalisti, ippreżentata l-ġimgħa li għaddiet mill-Kummissarju Věra Jourová. Huwa laqa' d-diskors tal-President tal-Kummissjoni dwar l-Istat tal-Unjoni, li fih Ursula von der Leyen ħabbret il-pjani għall-Att dwar il-Libertà tal-Media Ewropea.

Madankollu, fl-Opinjoni dwar [*Niżguraw il-libertà u d-diversità tal-media fl-Ewropa*](#), adottata fis-sessjoni plenarja, il-KESE appella sabiex il-Kummissjoni tapplika regoli ġenerali ta' kondizzjonalità u timponi sanzjonijiet baġitarji mingħajr dewmien fuq dawk il-pajjiżi fejn il-libertà tal-media u l-pluraliżmu kienu mhedda serjament.

Ir-relatur tal-Opinjoni, **Christian Moos**, wissa: "Ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti mhux se jkunu biżżejjed. M'hemmx ħin x'nilifu. L-Istati Membri li joġhonqu l-libertà tal-media għandhom jiġu esklużi min-Next Generation EU. Ir-regolament dwar il-kundizzjonalità għandu jiġi applikat. L-Ungerija u l-Polonja qed jeqirdu b'mod attiv jew diġà qerdu l-libertà tal-media. Il-gvernijiet tagħhom għandhom jerġgħu jistabbilixxu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkella ma jistgħux jibqgħu membri tal-UE, li jiggarrantixxi legalment id-demokrazija u l-istat tad-dritt u, bħala prerekwiżit indispensabbli għat-tnejn li huma, il-libertà tal-media."

Is-Sinjura Majerczak u **s-Sur Gutiérrez** esprimew l-appoġġ tagħhom għall-Opinjoni tal-KESE u għall-azzjoni tal-UE biex jiġu żgurati l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, iżda enfasizzaw l-importanza li jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet u l-pjan propost tal-Kummissjoni ma jibqgħux ittra mejta. (II)



[Is-so?jetà ?ivili hija kru?jali biex mill-kliem ng? addu g?all-fatti – il-President tal-KESE Christa Schweng tilqa’ l-prijoritajiet u l-ambizzjonijiet stabbiliti fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni](#)

Enfasi qawwija fuq l-irkupru, l-unjoni tas-saħħa u d-diġitalizzazzjoni tal-UE, pożizzjoni soda dwar il-ħarsien tal-istat tad-dritt u enfasi fuq il-futur tal-Ewropa: il-KESE jilqa’ dawn l-aspetti tad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni ta’ din is-sena, li huma konformi mal-prijoritajiet tiegħu.

Il-prijorità tal-KESE tibqa’ l-implimentazzjoni tar-riformi stabbiliti fil-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-impjegaturi, tal-ħaddiema u tas-soċjetà ċivili inġenerali.

“L-uniku mod kif dawn ir-riformi nsarrfuhom f’azzjonijiet huwa permezz tal-involviment sħiħ tas-soċjetà ċivili organizzata,” qalet **Christa Schweng**, President tal-KESE.

Ir-riċerka rapida, id-disponibbiltà u l-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni tal-vaċċini tal-COVID-19 urew li l-Ewropa qed tagħti riżultati. Unjoni tas-Saħħa ġenwina, kif enfasizzat il-President tal-Kummissjoni, **Ursula von der Leyen**, hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-mandat attwali tal-KESE.

Fir-rigward tal-investiment f’teknoloġiji futuri, il-KESE jenfasizza li l-UE għandha tiżviluppa l-viżjoni u l-istrateġija tagħha għas-sovranià diġitali, filwaqt li tibqa’ miftuħa għall-kummerċ ħieles u tappoġġja s-sistema multilaterali.

Is-Sinjura Schweng tilqa’ wkoll il-pożizzjoni soda tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istat tad-dritt. Irridu niddefendu l-valuri Ewropej.

Għall-KESE, is-suċċess futur tal-mudell ekonomiku u soċjali tal-Ewropa se jiddependi ħafna mill-kapaċità tagħna li nissieħbu u nikkollegaw mal-bqija tad-dinja, mill-eqreb ġirien tagħna bħall-Balkani tal-Punent sal-imsieħba strateġiċi ġeopolitiċi oħrajn. (at)



[L-impenn imqedded tal-UE fil-qlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin irid iwassal għal riżultati tan? ibbli](#)

Il-KESE jappoġġja b'mod wiesa' l-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-2021-2025 kontra t-traffikar tal-bnedmin, iżda jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-ħtieġa li tiġi inkorporata d-dimensjoni soċjali f'din il-

politika.

F'dak li għandu x'jaqşam mad-drittijiet tal-vittmi u d-dimensjoni soċjali, l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar il-qlieda biex jitrażżan it-traffikar tonqos milli tilħaq l-għanijiet meħtieġa. Il-KESE jemmen li s-sitwazzjoni tal-vittmi mhijiex ittrattata sistematikament b'mod umanistiku tul l-istrateġija kollha.

Kif qal **Carlos Manuel Trindade**, ir-relatur tal-KESE: "It-traffikar tal-bnedmin iwassal għal tbatija kbira fost il-vittmi: hija attakk fuq id-dinjità. Għaldaqstant, id-dimensjoni soċjali trid titqies sew f'din il-qlieda."

Minħabba l-fatt li kemm il-profitti kif ukoll il-vittmi qed jiżdiedu, il-KESE jilqa' l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li d-Direttiva dwar il-qlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin trid tiġi implimentata fl-Istati Membri kollha, u r-rieżami tagħha għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni approfondita tal-limitazzjonijiet u l-iżviluppi identifikati fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin.

Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu s-sanzjonijiet u japprova l-istabbiliment ta' standards minimi fil-livell tal-UE li jikkriminalizzaw in-networks involuti fil-proċess kollu tat-traffikar u tal-isfruttar tal-bnedmin.

Titqies id-dimensjoni soċjali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija

Il-pjan jonqos kompletament milli jipprovdi għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-drittijiet tal-vittmi, li għandhom ikunu ta' tħassib ewlieni fl-affermazzjoni tad-dinjità u d-drittijiet tal-bnedmin. Il-vittmi għandhom jingħataw id-dritt għall-integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti permezz ta' proċess ta' integrazzjoni adegwat u rapidu.

L-Opinjoni tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jinħolqu kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali dinjitużi u suffiċjenti għall-popolazzjonijiet fil-pajjiżi ta' oriġini, il-fattur ewlieni biex jitwaqqaq jew jiġi evitat ir-reklutaġġ ta' vittmi għat-traffikar tal-bnedmin.

Fl-aħħarnett, l-istrateġija l-ġdida għandha tirrikonoxxi l-appoġġ sinifikanti mogħti min-networks ta' solidarjetà tal-komunità għall-protezzjoni, l-ilqugħ u l-integrazzjoni tal-vittmi u l-ħidma mwettqa mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. (at)



KESE: ir-ritorn volontarju jista' jsir ewfemi?mu g? ad-deportazzjoni

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) laqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tarmonizza l-miżuri li jirregolaw ir-ritorn volontarju tal-migranti u r-riintegrazzjoni tagħhom fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, iżda qal li kellu dubji dwar il-fattibbiltà ta' xi

wħud mill-proposti mressqa u wera tħassib li r-ritorn volontarju jista' jinbidel f'deportazzjoni ta' migranti mill-UE.

Il-KESE saħaq li l-maġġoranza tar-ritorn volontarju mhux qed jiffunzjona tajjeb minħabba li l-pajjiżi ta' oriġini ma jiġux involuti biżżejjed u minħabba li l-migranti f'sitwazzjonijiet irregolari spiss ma jkunux lesti li jmorru lura.

Il-perspettiva tal-KESE kienet ippreżentata fl-Opinjoni dwar *L-Istrateġija tal-UE dwar ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni* adotta fis-sessjoni plenarja ta' Settembru, li fiha l-Kumitat ta' ħarsa mill-qrib lejn l-istrateġija li hija waħda mill-oġġettivi ewlenin tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Il-KESE tenna l-kritika preċedenti tiegħu dwar il-Patt li kien jiffoka kważi b'mod esklużiv fuq l-indirizzar tas-sitwazzjonijiet irregolari fuq il-fruntiera jew permezz ta' ritorn volontarju jew furzat, filwaqt li ma joffrix approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migranti permezz tal-promozzjoni għal mobilità legali u sikura. Il-KESE jqis li din hija dgħufija strateġika tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil.

"Jeħtieġ nimmaniġġjaw l-irregolarità qabel ma sseħħ. Dan ifisser li rridu niżguraw mezzi sikuri u effettivi għad-dħul fl-UE. Jekk jirnexxielna nagħmlu dan, ikun possibbli li jitnaqqsu l-wasliet irregolari", qal ir-relatur tal-Opinjoni, **José Antonio Moreno Díaz**.

L-approċċ frammentat ta' bħalissa fih għadd ta' difetti.

L-inċentivi li jingħataw bħalissa lill-pajjiżi ta' oriġini jistgħu fil-fatt jiskuraġġuhom milli jippruvaw inaqqsu l-flussi ta' migranti, peress li dawn l-inċentivi jiġu offruti permezz ta' programmi bbażati fuq l-eżistenza ta' persuni f'sitwazzjonijiet irregolari.

Il-KESE qal li kellu tħassib partikolari dwar l-oġġettiv tal-Patt biex jinżied ir-ritorn volontarju rapidu mill-fruntieri esterni tal-UE.

"Huwa minnu li dan huwa ritorn volontarju rapidu, jew huwa deportazzjoni? Ninsabu inkwetati li dan ir-ritorn volontarju jista' jinbidel f'ewfemiżu għad-deportazzjoni jew għal kumpens finanzjarju li jitħallas lill-pajjiżi ta' destinazzjoni li jirċievu lill-persuni rimpatrijati, mingħajr ma qatt jitqiesu xewqathom jew - aktar inkwetanti minn hekk - drittijethom," qal **is-Sur Moreno Díaz**.

Il-KESE kkonkluda li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar kwalunkwe aspekt trid tkun ibbażata fuq il-fatt li jirrispettaw id-dritt internazzjonali pubbliku, kif ukoll li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.



L-intelliġenza artifiċjali fl-Ewropa: mhux id-de?i? jonijiet kollha jistg?u ji?u ridotti g?al numri binarji

F'żewġ rapporti dwar abbozz ta' leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-IA, il-KESE jappella għal projbizzjoni kompleta fuq il-punteġġ soċjali u għal mekkaniżmu ta' lmenti u rimedju għal persuni li jkunu sofrew ħsara minn sistema tal-IA.

Waqgħ il-plenarja ta' Settembru, il-KESE laqa' l-[Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali](#) u l-[Pjan Ikkkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali](#)

Il-KESE jħoss li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tassew tpoġġi s-saħħa, is-sigurtà u d-drittijiet fundamentali fil-qalba tagħha, u tiegħu xejra globali billi tistabbilixxi sensiela ta' rekwiżiti li l-iżviluppaturi, Ewropej u le, iridu jikkonformaw magħhom jekk iridu jbiegħu l-prodotti tagħhom fl-UE.

Fil-fehma tal-KESE, il-proposti għandhom xi dgħufijiet, inklużi fil-qasam tal-“punteġġ soċjali”. Il-Kumitat jwissi kontra l-periklu li din il-prattika – li diġà tinsab fis-seħħ fiċ-Ċina, fejn il-gvern jista' jinnega liċ-ċittadini l-aċċess għas-servizzi pubbliċi – tista' tibda tintuża wkoll fl-Ewropa.

L-abbozz tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jinkludi projbizzjoni fuq il-punteġġ soċjali mill-awtoritajiet pubbliċi fl-Ewropa, iżda l-KESE jixtieq li din il-projbizzjoni tkun estiża għall-organizzazzjonijiet privati u semiprivati sabiex jiġi eskluż li dawn jużaw din il-prattika, pereżempju biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex eliġibbli għal self personali jew self ipotekarju.

Il-KESE jindika wkoll il-perikli li tiġi elenkata intelliġenza artifiċjali “b’riskju għoli”, u jwissi li dan l-approċċ ta' elenkar jista' jinnormalizza u jissemplifika numru ta' Prattiki tal-intelliġenza artifiċjali li għadhom ikkritikati ħafna. Jiġu permessi Prattiki bħar-rikonoxximent bijometriku, inkluż tal-emozzjoni jew tas-sentimenti, fejn l-espressjonijiet tal-wieċ, it-ton tal-vuċi, il-pożizzjoni u l-ġesti ta' persuna jiġu analizzati sabiex titbassar imġiba futura, jiġi identifikat il-gideb u anke tiġi verifikata l-probabbiltà li xi ħadd jirnexxi f'impjeg. Jiġu permessi wkoll il-valutazzjoni, il-klassifikazzjoni u saħansitra t-tkeċċija ta' ħaddiema abbażi tal-intelliġenza artifiċjali, jew li l-istudenti jiġu vvalutati waqt l-eżamijiet.

Barra minn hekk, ir-rekwiżiti proposti għall-intelliġenza artifiċjali b’riskju għoli mhux dejjem jistgħu jtaffu d-danni għas-saħħa, is-sigurtà u d-drittijiet fundamentali li dawn il-prattiki jimponu. Għalhekk hemm il-ħtieġa li jiġi introdott mekkaniżmu ta' konformità u rimedju, li ser jagħti lil dawk li soffrew danni mis-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali d-dritt li jikkontestaw deċiżjonijiet li ttiegħdu purament minn algoritmu.

B’mod ġenerali, fil-fehma tal-KESE, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jaħdem fuq il-premessa li, ladarba jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għall-intelliġenza artifiċjali b’riskju medju u kbir, l-intelliġenza artifiċjali tista' tissostitwixxi fil-biċċa l-kbira t-teħid tad-deċiżjonijiet mill-bniedem.

Ir-relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, **Cătălina Müller**, tgħid li l-KESE minn dejjem appoġġja approċċ għall-intelliġenza artifiċjali bbażat fuq il-kontroll mill-bniedem, peress li mhux id-deċiżjonijiet kollha jistgħu jiġu ridotti għal numri binarji. Ħafna għandhom komponent morali, implikazzjonijiet legali serji u impatti soċjetali kbar, pereżempju fuq l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, is-servizzi soċjali, l-akkomodazzjoni, is-servizzi finanzjarji, l-educazzjoni u r-regolamenti tax-xogħol. Verament lesti li nippermettu lill-intelliġenza artifiċjali biex tissostitwixxi t-teħid tad-deċiżjonijiet mill-bniedem, anke fi proċessi kritiċi bħall-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura? (dm)



Fl-ewwel “Jum Organiku” tal-UE, il-KESE jenfasizza l-importanza ta’ sistemi tal-ikel aktar sostenibbli, aktar ?usti u aktar inklu?ivi

Hekk kif l-Ewropa qed terġa’ lura għan-normalità wara l-kriżi tal-COVID-19, issa wasal iż-żmien li tgħaddi mill-kliem għall-fatti u timplimenta l-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt”. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel tal-Ewropa sabiex dawn isiru aktar sostenibbli ambjentalment, ekonomikament u soċjalment. Jenfasizza wkoll li l-kooperazzjoni (aktar milli l-kompetizzjoni) fost l-operaturi tal-katina tal-ikel hija essenzjali biex titrawwem sistema tal-ikel aktar reżiljenti u inklużiva, sabiex jiġi żgurat sehem ġust għal kulħadd.

L-Unjoni Ewropea ċelebrat l-ewwel “Jum Organiku” tagħha fit-23 ta’ Settembru 2021 u l-KESE għadu kif adottat l-Opinjoni dwar [Pjan ta’ azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika](#) u [Lejn katina tal-provvista tal-ikel ġusta](#).

Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ser ikollhom opportunitajiet kbar biex joħolqu t-trasformazzjonijiet meħtieġa. Ninsabu f’punt kritiku biex tiġi implimentata politika komprensiva dwar l-ikel.

Li t-8,5 % tal-art agrikola destinata għall-biedja organika fl-UE jitla’ għal 25 % hija mira ambizzjuża.

Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet mira għall-produzzjoni organika fl-UE permezz tal-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” u l-Istrateġija għall-Bijodiversità: sal-2030 mill-inqas 25 % tal-art agrikola tibda tinħadem b’mod organiku.

“Il-biedja organika għandha rwol x’taqdi sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Pakkett Ekoloġiku Ewropew. Ser ikun hemm bżonn ta’ approċċ orjentat lejn is-suq sabiex tkompli tiżdied id-domanda tal-konsumatur u l-fiduċja fil-prodotti organiċi”, qal Andreas Thurner, relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar il-produzzjoni organika.

Il-KESE madankollu jenfasizza l-bżonn li jkun hemm biżżejjed riżorsi finanzjarji sabiex jiġi żgurat li l-benefiċċji ta’ din il-konverżjoni prinċipali għall-biedja organika jitgawdew miċ-ċittadini kollha tal-UE. (mr)



It-tassonomija tal-finanzi sostenibbli: g?odda ewlenija ta’ appo?? g?all-investment ekolo?iku u g?all-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima

L-UE teħtieġ miżuri effiċjenti u urġenti biex tnaqqas l-emissjonijiet u ssib tarf it-tibdil fil-klima. Għal dan il-għan, il-

Pakkett dwar il-Finanzi Sostenibbli ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea għandu l-potenzjal li jistabbilixxi qafas ċar, koerenti u komprensiv li fih tista’ tiżviluppa ekonomija aktar ekoloġika mingħajr effetti ta’ intrappolament.

Fl-Opinjoni mfassla minn **Stefan Back** u li ġiet adottata fis-sessjoni plenarja ta' Settembru, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-miżuri tal-Kummissjoni bil-għan li tistabbilixxi standards għad-definizzjoni ta' "attività ekonomika sostenibbli", iżda jinnotta li xi elementi jistgħu jippreżentaw sfida kumplessa u għalja, partikolarment għall-SMEs.

Il-Kumitat jistqarr li huwa importanti li jiġu definiti kriterji tekniċi ċari għall-investimenti ekoloġiċi li jikkontribwixxu direttament għall-oġettivi klimatiċi tal-Ewropa u li magħhom jistgħu jiġu allinjati l-prattiki tas-setturi tan-negozju kkonċernati u tas-settur finanzjarju. L-istabbiliment ta' standards li jvarjaw mir-rekwiżiti massimi tal-leġiżlazzjoni tal-UE jista' joħloq konfużjoni, u għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda li dawn ir-rekwiżiti jissaħħu.

"Il-pakkett ta' miżuri tal-Kummissjoni huwa maħsub biex jippermetti lill-investituri jorjentaw mill-ġdid l-investimenti lejn teknoloġiji u negozji aktar sostenibbli. Neħtieġu għodod effiċjenti, faċilment applikabbli, innovattivi u produttivi li jwasslu għal riżultati rapidi u ċari. Il-valutazzjoni tar-Regolament Delegat dwar it-Tassonomija ta' Sostenibbiltà għandha titwettag f'dan l-ispiritu", saħaġ **is-Sur Back**. (mp)



[It-8 Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent jagħmilha qara li post il-Balkani tal-Punent jinsab fl-UE](#)

Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent tal-KESE, li sar fi Skopje fit-30 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru, xeħet dawl qawwi fuq is-sitwazzjoni attwali tal-prospetti ċari tar-reġjun fir-rigward tal-adeżjoni mal-UE u l-involvement attiv tas-soċjetà ċivili f'dan l-isforz.

Il-Forum, organizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali, wasal f'waqtu, ftit jiem qabel is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Brdo, taħt il-Presidenza Slovena.

Il-Prim Ministru tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, **Zoran Zaev**, qal: "It-tisħiħ tal-proċess ta' adeżjoni – perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent – huwa s-suġġett ġust fil-mument opportun minħabba l-imblokk tat-tkabbir impost."

Il-President tal-KESE **Christa Schweng** affermat l-appoġġ ċar tal-Kumitat għat-tkabbir tal-UE għall-pajjiżi tar-reġjun.

"Tassew nemmen li post il-Balkani tal-Punent jinsab fl-UE. M'għandniex ninsew ukoll li kwalunkwe diskussjoni dwar it-tkabbir hija, b'mod impliċitu, diskussjoni dwar il-futur tal-Ewropa, u s-soċjetà ċivili, kemm mir-reġjun kif ukoll mill-UE, għandha tkun involuta bis-sħiħ fil-proċess."

Il-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir **Olivér Várhelyi** kkummenta: "It-triq lejn l-UE hija twila, ikkumplikata u mimlija sfidi. Iżda dawk li huma verament iddedikati jaslu. U għalija, m'hemmx dubju – il-

futur tal-Balkani tal-Punent huwa l-Unjoni Ewropea.”

Bi tkompli ma’ dan, **Gašper Dovžan**, segretarju tal-istat fil-ministeru tal-affarijiet barranin tas-Slovenja, qal li t-tkabbir kien pass loġiku u proċess ta’ benefiċċju reċiproku li kien jeħtieġ ambizzjoni u reżiljenza.

L-involvement attiv tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali fil-proċess tal-adeżjoni

Biljana Spasovska, min-Network tal-Iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani, esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-isparzju li dejjem jiċkien u t-tnaqqis fil-finanzjament tas-soċjetà ċivili, u qalet li l-libertajiet bażiċi tqiegħdu taħt pressjoni, speċjalment matul il-pandemija.

Il-parteċipanti tal-Forum enfasizzaw l-importanza li tiġi ggarantita l-libertà ta’ assoċjazzjoni u li jiġi żgurat spazju ċiviku abilitanti.

Ġew diskussi wkoll il-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Ekoloġika u l-Pjan Ekonomiku u ta’ Investiment. Madankollu, is-suċċess ta’ dawn jiddependi fuq l-inklużjoni sinifikanti u l-involvement attiv tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika.

Il-finanzjament pubbliku għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jeħtieġ li jiġi riformat fil-pajjiżi kollha fir-reġjun u s-soċjetà ċivili jeħtieġ li tkun indipendenti u ħielsa mill-inflwenza politika.

Id-dikjarazzjoni finali tat-8 Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent tinsab [hawnhekk](#). (at)



[Il-KESE jingħaqad mal-Alleanza Ewropea dwar il-Materja Prima](#)

Fl-1 ta’ Ottubru 2021, il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) nieda uffiċjalment il-parteċipazzjoni tiegħu fl-Alleanza Ewropea dwar il-Materja Prima (ERMA). L-ERMA tnediet fid-

29 ta’ Settembru 2020 mill-Kummissjoni Ewropea sabiex trawwem ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika fil-provvista ta’ materja prima kritika għall-industrija u s-soċjetà tal-UE. L-alleanza bħalissa tinkludi aktar minn 500 membru mill-UE u lil hinn minnha.

Fid-dawl tal-ħidma li wettaq il-KESE permezz tal-Opinjoni [CCMI 177](#), l-ERMA talbet għall-parteċipazzjoni uffiċjali tiegħu bl-istatus ta’ osservatur. Il-Bureau tal-KESE ħatar lis-Sur **Andrés Barceló Delgado** (ES-GR I) bħala osservatur tal-KESE fl-ERMA, fid-dawl tal-ħidma preċedenti tiegħu dwar diversi Opinjonijiet tal-KESE relatati mas-suġġett tal-materja prima. Il-kontribut tas-Sur Barceló Delgado se jkun appoġġjat u kkoordinat flimkien mas-Sur **Norbert Kluge** (DE-GR II) u mas-Sur **Kestutis Kupsys** (LT-GR III).



Ni?ru flimkien g?al Ewropa a?jar

Din is-sena rat il-41 tellieqa ta' 20 km ta' Brussell, li saret fit-12 ta' Settembru. It-tellieqa kienet iddedikata għal żewġ kampanji: l-ewwel waħda, il-promozzjoni tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa bl-islogan tagħha: "Il-futur jinsab f'idejk", u t-tieni, l-appoġġ tal-azzjoni kontra l-kanċer u li jinġabru EUR 10 000 għall-

għlieda kontra l-kanċer u biex tiġi appoġġata r-riċerka. Għal din il-kampanja, EUR 10 minn kull miżata ta' reġistrazzjoni marru direttament għand TELEVIE, avveniment għall-karità li ilu jiġi organizzat mill-1989 fil-Belġju frankofonu u fil-Lussemburgu minn RTL-TV l għall-benefiċċju tar-riċerka xjentifika kontra l-kanċer fit-tfal u l-adulti.

Aktar minn 22,000 persuna minn 'il fuq minn 100 nazzjonalità ħadu sehem fit-tellieqa, ħafna minnhom jiġru u oħrajn jimxu jew rekkbin hand-bikes jew siġġu tar-roti, li kollha flimkien imxew jew ġrew mit-toroq ta' Brussell. Aktar minn 800 kollega mill-istituzzjonijiet Ewropej ħadu sehem fit-tellieqa, lebsin il-flokk tat-tim "Running for Europe".

Din is-sena t-tellieqa ntrebĥet minn Amaury Paquet minn Liège fil-Belġju, li spiċċa f'ħin ta' 59'31, li hu t-tielet l-aktar ĥin veloċi fl-istorja ta' dan l-avveniment. Fit-tellieqa tan-nisa, Florence De Cock, hija wkoll minn Liège, spiċċat f'ħin ta' 1:09:50.

Il-KESE kien rappreżentat mill-viċi president tiegħu, **Cillian Lohan**, li flimkien ma' **Stefaan De Rynck**, kap tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Belġju, taw is-sinjal biex tinbeda t-tellieqa. Dawk kollha li ħadu sehem fit-tellieqa ngħataw tislma wkoll minn **Jaume Duch**, Direttur Ġenerali għall-Komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew, u mir-**Reġina Mathilda tal-Belġjani**, li wkoll ħadet sehem fit-tellieqa.

It-tellieqa li jmiss ta' 20 km fi Brussell se ssir fid-29 ta' Mejju 2022. (ehp)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



L-impjegaturi Ewropej jistaqsu dwar l-aspetti pratti?i tal-pakkett "lesti g?all-mira ta' 55%"

Mill-pinna ta' Arnold Puech d'Alissac, Grupp ta' Min l'ħaddem tal-KESE

Ftit ġimgħat wara l-preżentazzjoni tal-proposta leġislattiva tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55%" - is-sett ta' miżuri marbuta mal-Fond għall-Irkupru li permezz tiegħu l-Kummissjoni Ewropea tipproponi li tilħaq il-mira li sal-2030 l-emissjonijiet tas-CO₂

jitnaqqsu b'55% - l-impjegaturi Ewropej, li b'ħalissa qed janalizzaw il-miżuri m'habbra, jappoġġjaw bis-sħiħ id-direzzjoni meħuda, iżda madankollu għandhom mistoqsijiet dwar bosta punti prattiċi.

L-industrija Ewropea diġà tinsab fuq quddiem nett fl-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, fl-idroġenu u l-qbid u l-ħżin tas-CO₂. Għal din ir-raġuni, huwa essenzjali li jiġi evitat approċċ ideoloġiku akkost ta' kollox. Approċċ b'hal dan ittiegħed diversi drabi miż-żewġ naħat fir-rigward tal-kwisjonijiet klimatiċi u tal-enerġija marbuta mal-Patt Ekoloġiku, u għandu r-riskju li jkun ta' ħsara b'mod irriversibbli għas-setturi tal-produzzjoni kollha, li jqiegħed f'riskju kbir lill-impjieg u s-soċjetà, u potenzjalment jimmina l-irkupru ekonomiku.

B'mod partikolari, għandu jiġi rrimarkat li, skont xi stimuli, l-mira ta' 55% tista' tinvolvi investimenti li jammontaw għal aktar minn EUR 3.5 triljun sal-2030, filwaqt li r-riżorsi pubbliċi disponibbli huma inqas minn EUR 1 triljun, jew inqas minn terz l-ammont meħtieġ.

Huwa importanti li jiġi mifhum li l-industrija Ewropea, bl-innovazzjoni teknoloġika fil-prodotti u l-proċessi ta' produzzjoni, hija s-soluzzjoni u mhux l-ostraklu sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni. Ma hemmx biżżejjed fondi għat-trasformazzjoni ekoloġika tas-settur industrijali fil-programmi nazzjonali ta' riforma.

Għaldaqstant, huwa vitali li tittiegħed azzjoni billi jiġi stabbilit qafas regolatorju armonizzat u flessibbli sabiex jinkiseb suq tal-enerġija tassew integrat, billi jiġi żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fir-rigward ta' pajjiżi li ma jikkondividux l-għanijiet klimati tal-Kummissjoni, b'mod partikolari fis-setturi b'intensività ta' emissjonijiet, u billi jiġi implimentati politiki ta' investiment u innovazzjoni sabiex l-ekosistemi industrijali Ewropej isiru aktar reżiljenti u dinamiċi teknoloġikament.

Aqra l-artikolu sħiħ hawn europa.eu/!QC7Fpd



[Il-fehma tal-?addiema fir-rigward tad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2021](#)

Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2021 għandu xi nuqqasijiet f'dak li jirrigwarda l-ambizzjoni u l-ċarezza tiegħu, minkejja l-fatt li Prattikament isemmi l-isfidi ewlenin kollha li qed tiffaċċja l-Ewropa.

Ir-riformi strutturali huma mingħajr dubju importanti, iżda l-pjan ta' rkupru u rikostruzzjoni ppreżentat mid-[dokument ta' pożizzjoni tal-Grupp tal-Ħaddiema](#) u l-[kontribut tal-KESE għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2022](#), għandhom jiffokaw fuq il-ġlieda kontra l-inugwaljanza u l-faqar, u l-irkupru tal-impjieg mitlufa, b'attenzjoni partikolari għall-gruppi vulnerabbli u l-żieda fil-faqar fost dawk li jaħdmu.

Id-diskors naqas milli jindirizza l-iżvilupp tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-ħaddiema tal-pjattaformi. Ir-referenza żgħira għall-ġustizzja soċjali u l-ekwità hija riflessa fl-ittra ta' intenzjoni, fejn il-proposti qajla jmorru lil hinn mill-implimentazzjoni

tal-ftehimiet tal-OECD dwar it-tassazzjoni.

Dawn il-ftehimiet jintlaqgħu bi pjaċir, iżda l-Unjoni Ewropea għandha tkun forza mexxejja f'din il-kwistjoni. Huwa ċar li xi Stati Membri se jippruvaw jirreżistu l-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa, iżda mingħajr azzjoni politika kuraġġuża min-naħa tal-eżekuttiv, mhu se jinkiseb xejn.

L-aħbar dwar il-projbizzjoni tax-xogħol furzat hija ta' min ifaħħarha. Dan għandu jkollu rabta mad-diliġenza dovuta u l-garanzija tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha, u għandhom isiru aktar proposti biex jiġu indirizzati x-xogħol prekarju u l-apprendistati mingħajr ħlas. Il-miżuri dwar it-tibdil fil-klima huma urġenti iżda daqstant ieħro huma urġenti l-miżuri soċjali li għandhom jakkumpanjawhom: sakemm ma rridux *gilets jaunes* fl-UE kollha, il-faqar enerġetiku jrid jiġi indirizzat b'mod deċiżiv, u l-fondi u l-azzjoni regolatorja jridu jkunu effettivi u suffiċjenti.

It-triq 'il quddiem hija twila, u ma nistgħux nibqgħu ċassi filwaqt li miljuni ta' Ewropej qed isibuha diffiċli biex isaħħnu darhom, meta s-sistemi ta' negozjar kollettiv jiddgħajfu, filwaqt li xi kumpaniji kbar qed jevitaw it-taxxi u l-fjuwils fossili għandhom issussidjati. Ma nistgħux nibqgħu ċassi meta 'l fuq minn nofs id-dinja għadha mhux imlaqqma. Irridu nużaw is-solidarjetà bħala prinċipju gwida biex niżguraw ġejjieni aktar ġust għal kulħadd. (pr)



[It-twettiq fir-rigward tal-isfida urġenti tat-tibdil fil-klima: ma nistgħux nibqgħu ninbew wara subgħajna](#)

Stqarrija mill-Grupp Diversità Ewropa

“Ma hemm l-ebda dubju li l-influwenza tal-bniedem wasslet għat-tiŝhin tal-atmosfera, l-oċean u l-art. It-tibdil fil-klima diġà qed jaffettwa kull reġjun abitat madwar id-dinja bl-influwenza umana li tikkontribwixxi għal ħafna bidliet osservati fit-temp u fl-estremitajiet klimatiċi “(Is-Sitt Rapport ta’ Valutazzjoni tal-IPCC, Awwissu 2021).

It-tibdil fil-klima diġà huma realtà u ma nistgħux nibqgħu ninbew wara subgħajna. Għargħar, nirien, nixfa u uragani serji u regolari. Dan huwa kif tidher fid-dinja meta t-temperatura toġħla b'1,1 sa 1,3 grad Celsius b'paragun maż-żmien meta ġiet ivvintata l-magna tal-fwar. Illum il-ġurnata, huwa impossibbli li ninjoraw l-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq ħajjitna. Lanqas ma nistgħu nimmaġinaw l-impatt tiegħu, anke jekk nilħqu l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li jillimita t-tiŝhin globali għal 1,5 grad Celsius. Il-futur tal-pjaneta tagħna jinsab taħt theddida u ma hemm l-ebda għażla ħlief li nwettqu l-wegħdiet komuni tagħna.

It-tnaqqis tal-emissjonijiet, anke b'rati aktar mgħaġġla, mhux se jkun biżżejjed. Irridu wkoll ninvestu ħafna fit-tnejja ta' pjani ta' emerġenza u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Dan se jinvolvi bidla mentali: ninvestu illum u ngawdu l-benefiċċji fil-ġenerazzjoni li jmiss. Iżda għandna ninvestu, b'aktar riżorsi finanzjarji sostenibbli, sostnuti minn impenji b'saħħithom mill-awtoritajiet pubbliċi, in-negozji, is-soċjetà ċivili u ċittadini. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pakkett “lesti għall-mira ta' 55 %” huma meħtieġa u urġenti. Barra minn hekk, l-UE għandha...

[Stqarrija mill-Grupp Diversità Ewropa](#)

SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



Il-futur f'idejk – x'tip ta' Ewropa to?lom biha?

Fit-18-19 ta' Novembru, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ser jorganizza s-Seminar tiegħu dwar Nikkollegaw I-UE, li qabel kien is-Seminar tas-Soċjetà Ċivili dwar il-Midja, li kull sena jlaqqa' l-komunikaturi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rappreżentati jew marbuta mal-KESE. L-avveniment ser isir fil-Fondazzjoni Gulbenkian f'Liżbona.

Intitolat "X'tip ta' Ewropa toħlom biha? Is-Soċjetà Ċivili u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa", is-Seminar dwar Nikkollegaw I-UE ser jiddiskuti tliet suġġetti li huma fost id-disa' proposti għad-diskussjonijiet taċ-ċittadini fil-kuntest tal-Konferenza. Dawn huma:

- is-sa??a;
- ekonomija aktar b'sa??itha, il-?ustizzja so?jali u l-impjiegi;
- id-demokrazija Ewropea.

Il-KESE jemmen li dawn huma l-aktar kwistjonijiet qrib il-qlub tal-Ewropej jew li jħassbuhom l-aktar. Is-suġġetti ser jiġu diskussi fi tliet panels, b'kelliema minn ambjenti akkademiċi, riċerkaturi u rappreżentanti tal-midja u tal-NGOs.

B'dan is-seminar, il-KESE għandu l-intenzjoni li juri l-impenn profond tiegħu għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, bħala inizjattiva fundamentali biex jerġgħu jinkisbu l-fiduċja taċ-ċittadini fl-UE u l-appoġġ tagħhom għall-proġett Ewropew. Jittama li l-parteċipanti, kemm dawk preżenti f'Liżbona kif ukoll dawk li ser isegwu permezz ta' live stream, ser jikkomunikaw il-konklużjonijiet mis-seminar lill-membri tal-organizzazzjonijiet tagħhom lura f'pajjiżhom. B'dan il-mod, l-avveniment jista' jgħin sabiex aktar Ewropej ikunu involuti fid-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa u jgħinhom jesprimu l-ideat, ix-xewqat, it-tħassib u l-istennijiet tagħhom dwar x'tip ta' Ewropa joħolmu biha.

Sabiex tkun taf aktar dwar is-Seminar dwar Nikkollegaw I-UE 2021:

<https://www.eesc.europa.eu/en/node/93131> (II).



L-allokazżjoni ta' riżorsi finanzjarji f'investimenti ekoloġiġi u soċjali

Is-settur tal-industrija se jiffaċċja sfidi kbar b'riżultat tal-miżuri tal-UE biex noħorġu mill-kriżi klimatika. Kif jista' jiġi żviluppat finanzjament sostenibbli biex jgħin ħalli jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-istess ħin jiġi żgurat li l-industrija Ewropea tibqa' kompetittiva? Webinar tal-KESE fit-18 ta' Ottubru se jiddiskuti din il-kwistjoni diffiċli.

Il-finanzjament sostenibbli għandu jappoġġja t-tweqqif tal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi jalloka l-investiment privat f'kumpaniji u proġetti li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, reżiljenti għat-tibdil fil-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ġusta – sfida li għandha tiġi ffaċċjata b'mod konġunt mis-settur finanzjarju, in-negozji, l-

awtoritajiet regolatorji u ċittadini.

Fil-webinar intitolat ***L-allokazżjoni tar-riżorsi finanzjarji f'investimenti li jikkonformaw mal-kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza***, il-membri tal-bord u l-partijiet ikkonċernati esterni li jipparteċipaw permezz ta' vidjokonferenza se jiddiskutu kif l-aħjar jinkisbu dawn is-sinerġiji u jiġi żviluppat finanzjament sostenibbli b'hal dan.

Il-webinar huwa t-tielet wieħed f'sensiela ta' avvenimenti dwar strateġija industrijali ġdida tal-UE, li l-KESE qed jorganizza biex jgħin fit-tiswir tal-politika industrijali tal-UE għall-futur wara l-kriżi tal-COVID-19. Is-serje se tintemm b'konferenza ewlenija f'Marzu 2022 fejn il-KESE se jiddibatti s-sejbiet tiegħu mal-Presidenza Franċiża tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea.

Kun af aktar u/jew irreġistra għall-webinar: [link](#).

Kun af aktar dwar is-serje ta' webinars [“The path to our industrial future”](#).(dm)



Ġeopolitika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew inevitabbilment se jkollu impatt fuq ir-relazzjonijiet esterni tagħna. Konferenza ibrida koorganizzata mill-KESE u n-Network ta' Soluzzjonijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDSN) fi Brussell fis-6 ta' Diċembru se tagħti ħarsa lejn l-estent ta' dan l-impatt.

L-għan tal-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa li jiddekarbonizza l-ekonomija Ewropea u jissepara t-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi, filwaqt li jiżgura li l-ebda persuna u l-ebda post ma jitħallew jibqgħu lura. Permezz tat-trasformazzjoni industrijali tas-suq tagħha stess, l-Ewropa għandha l-għan li tkun mudell għal atturi globali oħrajn.

Ir-relazzjonijiet tal-UE mal-bqija tad-dinja inevitabbilment se jiġu affettwati mill-użu ta' sorsi ta' enerġija ekoloġiġi, inkluż l-introduzzjoni tal-

mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, u minn ftehimiet kummerċjali ta' ġenerazzjoni ġdida aktar ekoloġiċi, rivoluzzjoni li ġejja fis-settur tat-trasport, u sfidi u opportunitajiet ġodda ta' impjieg.

Kelliema mill-UE, in-Network ta' Soluzzjonijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDSN), l-IPCC (il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima) u diversi organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi oħrajn se jiddiskutu dawn l-iżviluppi rivoluzzjonarji fit-tfassil tal-politika tal-UE.

Il-Konferenza se tagħlaq b'kummenti tal-għeluq mill-President tal-KESE **Christa Schweng, Dimitris Dimitriadis**, President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni tal-KESE, u membri ewlenin tal-KESE.

Learn more about the event and/or register: <https://www.eesc.europa.eu/en/agenda/our-events/events/geopolitics-european-green-deal>. (dv/dm)

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)
Daniela Marangoni (dm)
Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Katerina Serifi (ks)
Jasmin Kloetzing (jk)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Pablo Ribera Paya (prp)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Katerina Serifi (ks)

Technical support
Bernhard Knobloch (bk)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffizjali tal-Idmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet oġrajn tal-Kumitat. Ir-

riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissema b'ala s-sors u tintbag?at link lill-[editur](#).

09/2021